DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................. ĦINIJIET ................ POST: ..............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI .................................... DATA/DATI .......................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

Notamenti

**Jirrispondi għall-kummenti ta' omm Marco li hi mejta u mhix preżenti fix-xena.*

## IL-FESTA BIL-BANDIERI

*1 Att, 7 Xena, p.40 (M)*

## IL-MISSIER

**FEJN TRID TAQBAD TMUR?**

Fejn trid taqbad tmur, għid? Dak li nixtieq naf. Xogħol bħal dak! Taf lil min kelli nkellimlek biex daħħluk hemm, hu? Mur offrilhom job bħal dak lil tar-rundown, tara jaħtfuhx!

*MARCO: Mill-eżami għaddejt. Bil-ħila tiegħi. Ma kellek bżonn tkellem lil ħadd...*

— Għax bħal dak li qallu tgħaddi mill-eżami trid! L-eżami kliem u numri – kliem u numri biss! U n-numri jafu jitħassru... jitnaqqsu jew jiżdiedu! Naf ngħodd sa l-għaxra jien. Int però... int… *(ixengel rasu)* Isma' minni. L-ikrah għadu ġej, veru Lin? Billi nbewċu 'l barra l-Ingliżi? Billi nippuppaw sidirna u Malta Maltija! Nieklu 'l xulxin sejrin, ibqa' fuq kliemi! Aħjar mitt bagħal Ingliż milli ħutek il-Maltin! Aħjar itini bis-sieq baħri Ingliż milli jiġġakbinani kull ħaxxej Malti jxejjirlek l-abjad u l-aħmar! *(<148)*

* Iva x'fiha? Ħaxxej fiha xi ħaġa? Għax bħal dak li qallu ma jafx xi tfisser! – 'Qas nafu xi rridu; dik hi, minn daqshekk! *(jisma')* U mela! Jew vi, jew va, hekk, qisna qed intellgħu l-lottu! 'Qas nafu xi rridu!

*MARCO: Kulma għedt jien li m'iniex sa nagħmel għomri kollu fuq bank nilgħaq il-bolol u niżen pakketti. U nittimbra dan u nittimbra l-ieħor.*

— Qatt ma nikkuntentaw ruħna b'xejn! Min għandu flatt irid dar, min għandu mutur irid karozza, min għandu job irid tnejn! U issa sat-televixin bil-kulur qabel immutu għad naraw, issa tara! Ħames xhur overtime għamilt jien biex xtrajt dak it-televixin. Ħames xhur minn ruħi! Tista' tinsieh minn issa tal-kulur!…

/ Le, għalija xtrajtu! Mela għal min?

/ Titgħallmu t-Taljan, tajba, din! Isimgħu llum, isimgħu għada, titgħallmu! Veru? Kolonja Taljana ser nispiċċaw – kulħadd imkaħħal quddiemu! U malli jifthu channel ieħor, ma taqlagħhomx minn quddiemu, 'qas b'kaxxa infernali f'kull kantuniera tar-raħal! Ibqa' fuq kliemi– għad jiġi żmien kull dar f'Malta u Għawdex ħlief bit-Taljan ma jitkellmux! Mur ġibu għadu ħaj Strickland! Pari passu sabiħ! *(<257)*

PDF p.40

**ĦIN** MASSIMU ........... MINIMU ............

**PROPS** ..................................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..............................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.